MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 234/2006

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut twieldet tarbija li jisimha E fis-17 ta’ Lulju 1998 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi dan il-minuri qieghed fil-kura u kustodja tal-konvenut u dan stante illi l-attrici tinsab inkarcerata fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

3. Illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta illi jagħti kwalunkwe tip ta' access għat-tifel minuri E.

4. Illi, minħabba biża fondata illi l-attrici għandha illi l-konvenut jaħrab minn Malta flimkien mal-minuri, hija pprezentat mandat ta' inibizzjoni liema mandat gie akkordat fl-10 ta' April 2006 u jgib in-numru 87/2006.

5. Illi l-attrici kienet inizzjat proceduri ta' medjazzjoni numru 343/06 GG liema proceduri pero' fallew.

6. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet numru 1076/06 mahrug fis-6 ta' Lulju 2006 (Dok B).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:
Tiffissa data hin u lok meta l-attrici ghandha tinghata access ghat-tifel minuri taghha E, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 87/2006 u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi huwa jirrimetti ruhu ghal kwalunkwe decizjoni ta' din il-Qorti purche' jittiehdu in konsiderazzjoni x-xewqat tal-minuri.

2. Illi l-esponenti ma ghandu jbati l-ebda spejjez la ta' din il-kawza u lanqas tal-mandat ta' inibizzjoni numru 87/2006 peress ili huwa la pprecipita din il-kawza u lanqas qatt xekkel l-access.

Rat r-rapport tal-perit gudizzjarju s-social worker Therese Micallef, minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-affidavits prezentati;

Semghet lit-tifel minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li tinghata access ghat-tifel minuri tal-partijiet, E li llum ghandu disa’ [9] snin. Minn naha tieghu l-konvenut jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, izda jipprotesta ruhu ghall-ispejjez peress li hu qatt ma xekkel l-access.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni bejn il-partijiet twieled it-tifel E fis-17 ta’ Lulju 1998 li llum ghandu disa’ snin u qieghed fil-kura u kustodja effettiva ta’ missieru l-konvenut, u llum jattendi l-Kullegg ta’ De La Salle.

Illi jirrizulta wkoll li ssussegwentement ghat-twelid tat-tifel l-attrici nvolviet ruhha f’ attivita’ kriminuza bir-rizultat li ghamlet zmien tiskonta sentenza ta’ prigunerija fl-Italja fuq akkuza ta’ garr ta’ klandestini. F’ dan iz-zmien jidher li l-access taghha ghal binha minuri kien limitat ghall-kuntat telefoniku.

Illi sussegwentement l-attrici kienet baqghet tinvolvi ruhha f’ attivita’ kriminuza bir-rizultat li giet kundannata f’ Malta piena relevanti ta’ prigunerija li hija ghadha tiskonta, fuq importazzjoni ta’ droga f’ Malta. Jidher li kien f’ dan l-istadju li l-minuri beda jiddejjaq bl-access ta’ ommu.

Illi tul iz-zmien meta ommu kienet u ghadha l-habs, it-tifel kien u ghadu fil-kura u kustodja effettiva ta’ missieru li mill-provi mressqa minnu, u mhux kontradetti, jidher li qed jiehu hsieb tajjeb ta’ ibnu.

Dan jirizulta kemm mix-xhieda tal-konvenut, kif ukoll minn dak li qal it-tifel lil Qorti, u kif korroborat mic-certifikat mahrug fit-23 ta’ Novembru 2006 mill-Headmistress tal-Junior School ta’ Stella Maris College, li fil-paragrafu konklusiv hemm imnizzel:

"Lately, in the past two years, E's behaviour has been stable. He arrives at school punctually, well groomed and provided with lunch and whatever the child requires at School. Work and studies are done with care and diligence. E's father is always available and co-opeates very closely with the school to make certain that E leads a happy childhood, is accepted by others and develops into a happy and examplary citizen."[1]

Illi skond rapport mahrug minn Suor Louiselle Spiteri, Housemother ta' E, f' Angela House tas-sorijiet ta' l-Ursoline, fejn it-tifel, li dak iz-zmien kien ghadu zghir hafna, kien qed jigi kkurat waqt li ommu, il-konvenuta, kienet qeda tiskonta l-piena taghha fl-Italja, u dana mit-30 ta' April 2001 sal-14 ta' Mejju 2004, l-imsemmija Housemother tiddikjara li, waqt li t-tifel kien ghandhom, il-konvenut "kien jigi jzur it-tifel kuljum u kien jiehdu d-dar fil-weekends u fil-festi pubblici. Kien jara li ma jonqsu xejn". Tghid ukoll li meta ommu kienet mizmuma fil-habs Sqallija, "Hafna drabi meta kienet iccempillu [it-tifel] ma kienx ikun irid ikellimha. Il-missier kien jghidlu biex ikellimha ghax dik ommu."[2]

Illi jirrizulta wkoll li, fl-4 ta' Awissu 1998 l-attrici flimkien ma' RY, l-allura zewgha, kienet iffirmat kuntratt ta' separazzjoni personali fejn iddikjarat li "hija kellha relazzjonijiet intimi ma' diversi rgiel fil-perijodu citat [fil-kuntratt] u ghalhekk hija mhijiex f' qaghda li tindika specifikatament il-missier ta' l-imsemmija tarbija li fic-cirkostanzi ghandha tigi indikata bhala iben missier mhux mgharuf."

Sussegwentement l-att tat-twelid gie korrett u l-konvenut gie indikat bhala l-missier tat-tifel E, u dan konsegwenzjalment ghall-kawza ta' filjazzjoni stitwita mill-konvenut meta dana sar jaf bir-registrazzjoni fl-imsemmi Att.

---

[1] Dok.JS – fol.64
[2] Fol.65

Illi fir-rapport taghha s-social woker Therese Micallef, wara li osservat li, inter alia, li l-minuri huwa kuntent ma' missieru izda jinsab imwegga mis-sitwazzjoni ta' ommu, irrakkomandat li l-attrici jkollha access ghal binha darbtejn fix-xahar gewwa l-Agenzija Appogg fil-jum u hin miftiehma ma' l-ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ziedet tghid li "Dan l-access isir ukoll, skond ix-xewqa tal-minuri."[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-principju legali li jimpera f' dan il-qasam huwa li l-interessi tal-minuri, li mhux necessarjament jirrikonciljaw max-xewqat tieghu, huma supremi; u l-Qorti ghandha tara u tassigura l-aqwa vantagg u utilita' ghall-minuri fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li fil-prezent il-posizzjoni tal-minuri fil-konfront ta' ommu hija wahda ta' rabja u misthija sa tal-grad li lil shabu ta l-iskola jghidilhom li ommu hija mejta ghax jisthi jghidilhom li qeda il-habs, anke tenut kont ta' l-akkuzi li nstabet hatja taghhom, cioe' importazzjoni ta' droga.

Rizultat ta' dawn is-sentimenti li ghandu t-tifel huwa qed jiddejjaq li jara jew jkellem lil ommu, u ma jixtieq li jittiehed ghall-accessi. Dan jissufraga lill-konvenut fit-tesi tieghu li huwa qatt ma xekkel l-access tal-minuri, kif del resto konfortat anke bir-rapport ta' Suor Louiselle Spiteri, u li huwa l-minuri li qed jopponi li jmur jzur lil ommu. Di fatti l-konvenut fir-risposta tieghu rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Illi jirrizulta wkoll li, filwaqt li l-attrici hija mara xejn ezemplari kif johrog car mill-kwadru premess, tant li nvolviet ruhha anke f' attivita' kriminuza, il-konvenut minn naha tieghu jirrizulta li jiehu kura tajba tal-minuri kif jikkorroboraw c-certifikat mahrug mill-Headmistress ta' l-iskola u anke d-dikjarazzjoni maghmula mill-imsemmija soru. Barraminnhekk, il-minuri jirrizulta li huwa kuntent hafna jghix ma' missieru u huwa konxju tal-fatt li dan jiehu hsiebu hafna.

[3] Fols.71 u 72 – sottolinear ta' din il-Qorti

Illi d-diffikulta' li ghandha quddiem din il-Qorti f' dan l-istadju temani mill-fatt li izjed ma jikber it-tifel izjed qed irabbi sentimenti negattivi fil-konfront ta' ommu tant li llum il-gurnata qed jirrifjuta li jara lil ommu li ma' shabu jisthi jghid li ghadha hajja. Il-problema taggrava tenut kont ta' l-eta' tal-minuri, li la jista' jitqies zghir hafna li ma jifhimx jew ma jpprezzax dak li qed jigri madwaru, u mill-banda l-ohra m'ghandux dik l-eta' li ggib maghha grad ta' maturita' li tghati piz ghax-xewqat tieghu.

Minn naha l-ohra pero' il-Qorti ma tistax titraskura l-fatt li l-attrici, ghamlet x' ghamlet, tibqa' omm il-minuri, u ghalhekk, gjaladarba ma jirrizultax li din ghamlet azzjonijiet diretti biex jghamlu hsara lill-istess minuri, l-omm m' ghandhiex ticcahhad minn dak il-kuntatt minimu ma' binha dettat mic-cirkustanzi prevalenti; izda mill-banda l-ohra ma jistax jigi njorat dak li qed jghaddi minnu l-minuri fil-prezenti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti ser tilqa' t-talba attrici limitatament kif ser jinghad, u bil-kawteli hawn that delineati.

Rigward il-kap ta' l-ispejjez, jigi osservat li, gjaladarba ma jirrizultax li l-konvenut kien ta' xkiel ghall-access ta' l-attrici, imma kien l-istess minuri li beda joggezzjoni li jmur ghall-access, il-konvenut m' ghandux ibati spejjez f' dan ir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-kawza billi, tordna li ghas-spejjez esklussivament ta' l-attrici, il-minuri E ghandu jinghata assistenza minn psikologa jew social worker, fi hdan l-Agenzija Appogg sabiex tghinu fis-sitwazzjoni li jinsab fiha llum u fir-relazzjoni tieghu ma' ommu l-attrici; u li l-Agenzija ghandha tirrapporta lil din il-Qorti permezz ta' nota dwar l-posizzjoni tal-minuri f' dan ir-rigward, fi zmien tlett xhur, jew anke qabel, jekk thoss il-htiega;

fil-frattemp tordna li l-access ta' l-attrici ghandu jibqa' kif rakkomandat mis-social worker Therese Micallef, u cioe' ta' saghtejn fix-xahar, izda that supervizjoni; u tirriserva li testendi l-access ta' l-attrici f' kaz ta' rapport favorevoli mill-imsemmija Agenzija.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tar-rikorrenti, l-attrici; hlief dawk tar-rikors prezentat mill-konvenut fit-30 ta' Marzu 2007 u l-atti sussegwenti u relattivi, li ghandhom jkunu a kariku tal-konvenut, stante li t-talba kienet superfluwa u ma tinkwadrax fil-paramentri ta' l-azzjoni gudizzjarja odjerni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------